MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 520/2014

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u hamsa u disghin (1995) hija izzewget lill-intimat u minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel Julian David Harding li twieled fis-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996). (kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok A u kopja tac-certifikat tat-twelid tat-tifel markat Dok B annessi) ;

Illi t-tifel tal-partijiet ghandu 18-il sena u ma jistudjax u ghalhekk ma hemmx manteniment dovut lill-istess tifel ;

Illi l-partijiet ghamlu s-separazzjoni tal-beni u dan permezz ta' kuntratt atti Nutar Thea Cachia tas-27 ta' Gunju 2011. (kopja annessa u markata Dok C) ;

Illi arretrati ta' manteniment versu l-partijiet u versu binhom ma hemmx ;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' snin u minn dak iz-zmien qatt ma regghu irrikonciljaw. Huma ilhom separati de facto minn Lulju 2005, u r-rikorrenti tghix fil-fond 107 Howard Street, Sliema u l-intimat jghix 39 Annunciation Street Sliema ;

Illi giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza ta' divorzju permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Novembru 2014 kopja legali annessa u markata Dok D ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall ta' zwieg li gie celebrat fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u hamsa u disghin (1995);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-intimat jaqbel mal-fatti elenkati fil-premessi tar-rikors guramentat salv li irid jirrileva li sija ir-rikorrenti Susan Lena Mercieca kif ukoll l-intimat irrinunzjaw id-dritt taghhom ghal manteniment minghand xulxin kif indikat fl-affidavit taghhom li huma ghamlu flimkien fit-22 ta’ Jannar 2015 quddiem in-Nutar Thea Cachia liema affidavit jinsab hawn anness u markat bhala Dok M;
2. Ghaldaqstant, l-intimat ma jopponix ghat-talbiet dedotti fir-rikors guramentat tar-rikorrenti salv li bir-rispett kollu din il-Qorti ghandha tiehu in konjizzjoni l-affidavit imsemmi fil-paragrafu precedenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Jannar, 2015;

Rat ukoll l-affidavit bix-xhieda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ghaddew mill-procedura tal-medjazzjoni li sussegwentement inghalqet, illi huma ilhom de facto separati minn Lulju tas-sena 2005;

Illi il-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------